MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 463/2008

**G & S Falzon Ltd (C 2131)**

**vs**

**Valletta Freight Services (C 3478)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta` Valletta Freight Services illi:

Il-mandat ta` Qbid premess hareg in segwitu ta` sentenza tal-Qorti ta` l-Appell moghti fis-27 ta` Jannar, 2006 fejn gie dikjarat li s-socjeta` esponenti hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta` Lm2965.14.

Fil-fatt wara dina s-sentenza irrizulta li G&S Falzon Ltd kienet assenjat il-kreditu taghha lil kumpanija ohra, ossia Vella Falzon Building Supplies Limited, kif jidher fil-

korrispondenza hawn annessa bhala dokument “A1” u “A2”;

In kwantu jidher li s-socjeta` rikorrenti G&S Falzon assenjat id-drittijiet taghha taht dik is-sentenza lil terzi, l-istess socjeta` rikorrenti ma ghandha l-ebda jedd titlob il-hrug ta` mandati ezekuttivi kontra s-socjeta` esponenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar il-mandat premess u dana stante li s-socjeta` G&S Falzon Ltd ma ghadhiex kreditrici tas-socjeta` esponenti u dana ai termini ta` l-Artiklu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ir-risposta tal-kumpanija G&S Falzon Limited:

Fl-ewwel lok ir-rikors odjern intavolat mill-kumpanija Valletta Freight Services Limited huwa null u dan stante illi a tenur tal-Artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta hadd ma jista` jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta` mandat ta` qbid ezekuttiv hlief wara li tkun saret l-ezekuzzjoni;

In oltre u minghajr pregudizzju r-rikors tal-kumpannija rikorrenti ghat-thassir tal-mandat ta` qbid *de quo* huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt, u anke abbazi tad-dokumenti ezebiti minnha stess huwa evidenti illi dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju u intiz biss sabiex il-kumpannija rikorrenti tipprova tahrab mill-obbligi legali taghha kif konfermati minn sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti stess;

Ma huwiex minnu illi l-kumpanija esponenti G&S Falzon Limited b`xi mod assenjat il-kreditu taghha lil xi hadd u d-dokumenti ezebiti mill-kumpannija rikorrenti fil-fatt ma jaghtu ebda prova dwar dan;

Permezz tal-ittri ezebiti mill-kumpannija rikorrenti (Dok A1 u Dok. A2) jirrizulta biss dak li fil-fatt gara u cioe` illi l-kumpannija esponenti awtorizzat lill-kumpannija Vella Falzan Building Supplies Limited sabiex tigbor il-hlas dovut lill-kumpannija esponenti minghand Valletta Freight

Services Limited u dan kif kontemplat fl-Artikolu 1152 tal-Kodici Civili (Kap.  16 tal-Ligijiet ta` Malta);

Il-kumpannija rikorrenti kienet taf dwar dan l-arrangament ghaliex giet informata b`dan kemm-il darba u kienet hi stess illi talbet illi jkun hemm ittra bil-miktub minghand il-kumpannija esponenti sabiex hi tkun tista` taghmel il-hlas lil Vella Falzon Building Supplies Limited u dwar dan jista`jixhed l-Avukat sottokritt stess;

Ghalhekk, kontrarjament ghal dak illi qed tallega frivolozament il-kumpannija rikorrenti, ma kien hemm ebda assenjazzjoni tal-kreditu in kwistjoni u l-kumpannija esponenti ghadha sa llum kreditrici tal-kumpannija Valletta Freight Services Limited u dan kif konfermat mis-sentenza tal-Appell tas-27 ta` Jannar, 2006;

Ghaldaqstant it-talba tal-kumpannija Valletta Freight Services Limited ghat-thassir tal-mandat ta` qbid ezekuttiv numru 537/08 fl-ismijiet *G&S Falzon Limited (C2131) vs Valletta Freight Services Limited (C3478)* ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha u l-kumpannija esponenti ghandha tithalla tkompli bl-ezekuzzjoni ta` l-istess mandat ta` qbid.

Semghet lix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz tar-rikors odjern is-socjeta` rikorrenti qed titlob it-thassir ta` mandat ta` qbid mahrug fil-konfront taghha.  L-imsemmi mandat inhareg mis-socjeta` G&S Falzon Limited wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Jannar, 2006.

Is-socjeta` rikorrenti odjerna qiegheda tghid li G&S Falzon kienet assenjat il-kreditu taghha lil socjeta` ohra Vella Falzon Building Supplies Limited.  Hija qed tibbaza dan

fuq zewg ittri li permezz taghhom hija kienet inghatat, u dan fuq talba taghha stess, konferma li Vella Falzon Building Supplies kienet awtorizzata tircievi l-hlas hi.

Il-Qorti ntweriet kopja ta` ftehim li xi snin qabel kien sar bejn is-socjetajiet G&S Falzon Limited u Falzon Trading Co. Ltd. Permezz ta` dan il-ftehim xi assi ghaddew minghand socjeta` ghall-ohra. M`hemm ebda referenza f`dan il-ftehim ghal l-kreditu eventwali minn din il-kawza. Galadarba m`hemm ebda inkluzjoni, ma jistax jinghad li, dak iz-zmien il-kreditu eventwali minn dik il-kawza ghadda b`xi mod ghal Falzon Trading Company Limited.

Infatti lanqas ma huwa car jekk fil-fatt, fil-mument li sar il-ftehim il-kawza kienetx ga` nbdiet.

L-ittri li bihom kien konfermat illi Vella Falzon Building Supplies Limited hija awtorizzata tircievi l-hlas wahedhom ma jaghmlux prova ta` trasferiment tal-kreditu li llum qed tipprova tesegwixxi G&S Falzon Limited. Kull arrangament dwar gbir ta` flus li seta` sar bejn iz-zewg socjetajiet ma jeffettwa bl-ebda mod id-debitu li ghandha Valletta Freight Services fil-konfront ta` G&S Falzon Ltd. Il-kawza istitwieta G&S Falzon Limited u s-sentenza nghatat favur l-istess G&S Falzon Limited. Hija ghalhekk din l-istess socjeta` issa li ghandha dritt tesegwiha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tidddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors tas-socjeta` Valletta Freight Services.

L-ispejjez jithallsu mill-istess Valletta Freight Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------